Il-Kummissjoni Ewropea



# ID-DISKORS TAL-PRESIDENT JUNCKER DWAR L-ISTAT TAL-UNJONI 2017

## Proposti għall-ġejjieni tal-Ewropa li jistgħu jkunu implimentati abbażi tat-Trattat ta' Lisbona

Fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni 2017 li sar fit-13 ta' Settembru 2017, il-President Juncker iddefinixxa l-viżjoni tiegħu għall-ġejjieni tal-Ewropa sal-2025. Din l-iskeda informattiva tispjega kif il-proposti tal-President Juncker jistgħu jinkisbu b'użu sħiħ mill-potenzjal tat-Trattat ta' Lisbona. Flimkien mad-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2017, il-President Juncker ippreżenta Ittra ta' Intenzjoni ddettaljata bi proposti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi konkreti dwar kif ikunu implimentati l-inizjattivi mħabbra fid-Diskors tiegħu. Dawn se jitnedew mill-Kummissjoni fl-2017/2018 bis-sena 2025 bħala perspettiva, u billi żżomm f'moħħha l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ta' Mejju/Ġunju 2019 bħala appuntament importanti mad-demokrazija għall-Unjoni Ewropea.

| Id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tat-13 ta' Settembru 2017 mill-President Juncker | Spjegazzjoni |
|---|---|

## VOTAZZJONI B'MAĠĠORANZA KWALIFIKATA FIS-SUQ UNIKU

*"Meta jiġi għal kwistjonijiet tas-suq uniku importanti, irrid li d-deċiżjonijiet fil-Kunsill jittieħdu aktar ta' spiss u b'mod aktar faċli b'maġġoranza kwalifikata – bid-delega ugwali tal-Parlament Ewropew."*

**Inizjattivi bis-sena 2025 bħala perspettiva, kif iddefiniti mill-Ittra ta' Intenzjoni tal-President Juncker tat-13 ta' Settembru 2017**

*"Komunikazzjoni dwar il-possibilità ta' aktar tisħiħ tal-użu tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata u l-proċedura leġiżlattiva ordinarja fi kwistjonijiet relatati mas-suq intern, abbażi tal-Artikolu 48(7) TUE."*

### ENERĠIJA

L-**Artikolu 192(2) TFUE** jipprevedi l-possibbiltà li l-proċedura leġiżlattiva ordinarja tkun applikata għal dispożizzjonijiet ta' natura primarjament fiskali inklużi miżuri li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-għażla ta' Stat Membru bejn sorsi tal-enerġija differenti u l-istruttura ġeneral tal-provvista tal-enerġija tiegħu. Dan ikun irid jinqabel b'mod unanimu mill-Kunsill abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

### ASPETTI SOĊJALI

F'oqsma speċifiċi ta' politika soċjali, bħalissa tenħtieġ l-unanimità. Dawn jinkludu l-protezzjoni tal-ħaddiema meta jkun hemm terminazzjoni tal-kuntratti, id-difiża kollettiva tal-interessi tal-ħaddiema u ta' min iħaddem, u l-kundizzjonijiet ta' impjieg għal migranti legali minn pajjiżi terzi. L-**Artikolu 153(2) TFUE** jippermetti li għal dawn it-tliet oqsma tkun applikata l-proċedura leġiżlattiva ordinarja jekk il-Kunsill jaqbel b'mod unanimu dwar proposta mill-Kummissjoni Ewropea u wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew.

### TASSAZZJONI

L-**Artikolu 48(7) TUE** — il-klawsola *passerelle* ġenerali tat-Trattati — tippermetti li minflok l-unanimità tintuża l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata jew inkella li tintuża l-proċedura leġiżlattiva ordinarja minflok il-proċedura leġiżlattiva speċjali. Ma hija meħtieġa l-ebda ratifika nazzjonali iżda l-mossa tista' titwaqqaf permezz ta' veto ta' parlament nazzjonali wieħed. M'hemmx għalfejn tibda tintuża l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għall-kwistjonijiet ta' tassazzjoni kollha f'daqqa, tista' tibda tintuża għal kwistjonijiet waħda waħda, skont it-temi jew it-tipi ta' rati.

Sabiex jintuża l-**Artikolu 48(7) TUE**, iridu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- il-Kunsill Ewropew jinnotifika lill-parlamenti nazzjonali rigward l-intenzjoni tiegħu li japplika l-klawsola *passerelle*;
- il-parlamenti nazzjonali jkollhom 6 xhur biex joġġezzjonaw u jekk ikun hemm imqar parlament nazzjonali wieħed biss li joġġezzjona, l-inizjattiva ma tkunx tista' tiġi adottata mill-Kunsill;
- il-Parlament Ewropew jintalab jagħti l-kunsens tiegħu b'maġġoranza tal-membri komponenti tiegħu;
- il-Kunsill Ewropew jadotta deċiżjoni b'unanimità.

| Id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tat-13 ta' Settembru 2017 mill-President Juncker | Spjegazzjoni |
|---|---|

## VOTAZZJONI B'MAĠĠORANZA KWALIFIKATA FIL-POLITIKA BARRANIJA

*"Irrid l-Istati Membri jaraw liema deċiżjonijiet ta' politika barranija jistgħu jinbidlu minn unanimità għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata."*

**Inizjattivi bis-sena 2025 bħala perspettiva, kif iddefiniti mill-Ittra ta' Intenzjoni tal-President Juncker tat-13 ta' Settembru 2017**

*"Komunikazzjoni dwar il-possibilità ta' aktar tisħiħ tal-użu ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fil-Politika Estera Komuni, abbażi tal-Artikolu 31(3) TUE."*

L-**Artikolu 31(3) TUE** jipprevedi l-possibbiltà li ssir bidla għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fi kwistjonijiet ta' Politika Estera Komuni. Dan ikun irid jinqabel b'mod unanimu mill-Kunsill Ewropew u ma jkunx jinkludi deċiżjonijiet b'implikazzjonijiet militari jew ta' difiża.

## IL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW BL-INKARIGU TAL-ĠLIEDA KONTRA T-TERRORIŻMU

*"Jien nara raġuni valida wkoll għall-għoti ta' responsabbiltà lill-Prosekutur Pubbliku Ewropew il-ġdid għall-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi transfruntiera."*

**Inizjattivi bis-sena 2025 bħala perspettiva, kif iddefiniti mill-Ittra ta' Intenzjoni tal-President Juncker tat-13 ta' Settembru 2017**

*"Il-Komunikazzjoni dwar estensjoni possibbli tal-kompiti tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew biex jinkludi l-ġlieda kontra t-terroriżmu, abbażi tal-Artikolu 86(4) TFUE."*

L-**Artikolu 86(4) TFUE** jipprevedi l-possibbiltà ta' espansjoni tal-kompetenzi tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, li inizjalment kienu limitati għall-ġlieda kontra l-frodi a skapitu tal-baġit tal-UE, sabiex ikopru l-prosekuzzjoni tar-reati terroristiċi transfruntiera.
Dan jirrikjedi deċiżjoni unanima mill-Kunsill Ewropew wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew u wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni Ewropea.

| Id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tat-13 ta’ Settembru 2017 mill-President Juncker | Spjegazzjoni |
|---|---|

## IT-TISĦIĦ TAL-UNJONI EKONOMIKA U MONETARJA

*“Nemmen li l-ESM issa għandu jiggradwa progressivament f’Fond Monetarju Ewropew li, madankollu, irid ikun ankrat b’mod sod mar-regoli u l-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea.”*

### FOND MONETARJU EWROPEW

Fis-6 ta’ Diċembru, il-Kummissjoni se tipproponi li tittrasforma l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà f’Fond Monetarju Ewropew, ankrat fil-qafas tal-liġi tal-Unjoni, abbażi tal-**Artikolu 352 TFUE**.

**Inizjattivi bis-sena 2025 bħala perspettiva, kif iddefiniti mill-Ittra ta’ Intenzjoni tal-President Juncker tat-13 ta’ Settembru 2017**

- *It-trasformazzjoni tal-Mekkaniżmu Ewropew ta’ Stabbiltà f’Fond Monetarju Ewropew*
- *Il-ħolqien ta’ linja baġitarja dedikata għaż-żona tal-ewro fil-baġit tal-EU li tipprovdi għal erba’ funzjonijiet: (1) assistenza ta’ riforma strutturali, (2) funzjoni ta’ stabilizzazzjoni, (3) backstop għall-Unjoni Bankarja, u (4) strument ta’ konverġenza biex jagħti assistenza ta’ qabel l-adeżjoni lill-Istati Membri mhux fiż-żona tal-ewro*
- *Integrazzjoni tas-sustanza tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja taħt il-liġi tal-UE*

### LINJA BAĠITARJA TAŻ-ŻONA TAL-EWRO FIL-BAĠIT TAL-UE

Il-Kummissjoni se tipproponi linja baġitarja taż-żona tal-ewro ta’ din ix-xorta fil-kuntest tal-proċedura baġitarja fil-qafas tat-Trattati, permezz ta’ baġit emendatorju.

### STABBILTÀ, KOORDINAZZJONI U GOVERNANZA

**L-Artikolu 16 tat-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ekonomika u Monetarja (TSKG)** li daħal fis-seħħ f’Jannar 2013 wara r-ratifika mill-Istati Membri firmatarji (l-Istati Membri kollha għajr ir-Renju Unit, ir-Repubblika Ċeka u l-Kroazja ffirmaw dan it-Trattat), jistipula li s-sustanza ta’ dan it-Trattat trid tissarraf f’liġi tal-UE sal-2018.

Kif stabbilit fl-Ittra ta’ Intenzjoni tal-President Juncker, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta dwar dan is-suġġett abbażi tal-**Artikolu 126(14) TFUE**, filwaqt li tqis il-flessibilità li ilha tiġi inkorporata fil-Pakkett ta’ Stabbiltà u Tkabbir mill-Kummissjoni Ewropea sa minn Jannar 2015.

## QAFAS FINANZJARJU PLURIENNALI

*“Element importanti se jkun il-pjanijiet baġitarji li l-Kummissjoni se tippreżenta f’Mejju 2018. Għal darb’oħra hawnhekk għandna għażla: jew naraw li niksbu l-ambizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea fil-qafas strett tal-baġit eżistenti, jew inkella nżidu l-kapaċità baġitarja tal-Unjoni Ewropea sabiex forsi tilħaq aħjar l-ambizzjonijiet tagħha. Jiena favur it-tieni alternattiva.”*

F’Mejju 2018, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali l-ġdid ta' wara s-sena 2020 abbażi tal-**Artikolu 312(2) TFUE**.

| Id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tat-13 ta' Settembru 2017 mill-President Juncker | Spjegazzjoni |
|---|---|

## FI TRIQITNA LEJN UNJONI KOMPLUTA TAD-DIFIŻA

*"Irridna niddedikaw aktar sforzi lejn kwistjonijiet ta' difiża. Bħalissa qed jitħejja Fond Ewropew għad-Difiża ġdid. Bħalma qed titħejja wkoll Kooperazzjoni Strutturata Permanenti fil-qasam tad-difiża. Sal-2025 għandna bżonn Unjoni Ewropea tad-Difiża kompluta."*

### KOOPERAZZJONI STRUTTURATA PERMANENTI

L-**Artikolu 42(6) TUE** jipprevedi l-possibbiltà għal grupp ta' Stati Membri tal-istess fehma bil-kapaċitajiet operazzjonali rikjesti li javvanzaw pass fid-difiża Ewropea, billi jitbiegħdu mill-ġeġwiġija ta' kooperazzjoni militari bilaterali u multilaterali li teżisti bħalissa u jersqu lejn għamliet aktar effiċjenti ta' integrazzjoni tad-difiża.

### UNJONI TAD-DIFIŻA KOMUNI

L-**Artikolu 42(2) TUE** jipprevedi t-tfassil progressiv ta' politika ta' difiża komuni tal-Unjoni. Dan se jwassal għal Unjoni tad-Difiża Komuni meta tittieħed deċiżjoni b'mod unanimu mill-Kunsill Ewropew. Dan se jirrispetta kompletament kull obbligu u l-obbligi tal-Istati Membri kollha rigward in-NATO.

## IT-TLESTIJA TA' SCHENGEN

*"Jekk irridu nipproteġu l-fruntieri esterni tagħna, u bir-raġun, insaħħuhom aktar, jeħtieġ allura li niftħu ż-Żona Schengen tal-moviment liberu għall-Bulgarija u għar-Rumanija minnufih."*

*"Għandna wkoll nippermettu lill-Kroazja ssir membru sħiħ taż-Żona Schengen ladarba tissodisfa l-kriterji kollha."*

Id-deċiżjonijiet dwar it-tkabbir taż-Żona Schengen iridu jittieħdu abbażi tal-**Protokoll Nru 19 tat-Trattati u abbażi tal-acquis ta' Schengen** bl-unanimità tal-Istati Membri kollha fil-Kunsill, wara li ssir evalwazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-kriterji tal-adeżjoni. Il-Kummissjoni għamlet evalwazzjonijiet pożittivi dwar il-Bulgarija u r-Rumanija fl-2009 u fl-2010 li indikaw li ż-żewġ pajjiżi jissodisfaw il-kundizzjonijiet neċessarji sabiex jingħaqdu maż-Żona Schengen. Għaldaqstant il-Kummissjoni tappoġġa l-adeżjoni sħiħa ta' dawn iż-żewġ Stati Membri maż-Żona Schengen.

Matul is-sena 2016 saret evalwazzjoni dwar il-progress tal-Kroazja lejn l-issodisfar tal-kundizzjonijiet neċessarji biex tingħaqad maż-Żona Schengen. F'xi oqsma, il-Kroazja diġà tissodisfa l-kundizzjonijiet neċessarji, filwaqt li f'xi oqsma oħrajn hemm bżonn ta' titjib ulterjuri. L-evalwazzjoni tas-Sistema ta' informazzjoni ta' Schengen għad trid titlesta sa Ottubru 2017, u f'Novembru 2017 se ssir żjara mill-ġdid fil-qasam tal-fruntieri esterni. Ladarba jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta lill-Kunsill għall-adeżjoni tal-Kroazja maż-Żona Schengen.

| Id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tat-13 ta' Settembru 2017 mill-President Juncker | Spjegazzjoni |
| --- | --- |
| **IT-TLESTIJA TAŻ-ŻONA TAL-EWRO** | |
| *"L-ewro huwa intenzjonat li jkun il-munita unika tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi. L-Istati Membri kollha, ħlief għal tnejn minnhom, huma obbligati u intitolati li jissieħbu fiż-żona tal-ewro ladarba jissodisfaw il-kundizzjonijiet."* | L-Istati Membri kollha tal-UE għajr għal tnejn (id-Danimarka u r-Renju Unit) huma obbligati li jadottaw l-ewro u jissieħbu fiż-żona tal-ewro. Barra minn hekk, 16-il Stat Membru (il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja) iddikjaraw b'mod espliċitu fid-**Dikjarazzjoni Nru 52 TFUE** li l-munita tal-Unjoni Ewropea hija l-ewro.<br><br>Il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u l-Iżvezja għadhom mhumiex parti miż-żona tal-ewro iżda skont it-Trattati huma obbligati li jissieħbu fiż-żona tal-ewro ladarba jissodisfaw il-kriterji. Dawn jissejħu "Stati Membri b'deroga". Din id-deroga hija temporanja u se titneħħa ladarba dawn jissodisfaw il-kriterji ta'konverġenza kif stabbilit fl-**Artikolu 140(1) TFUE**.<br><br>Kull sentejn issir valutazzjoni tal-pajjiżi mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Bank Ċentrali Ewropew dwar jekk dawn jissodisfawx il-kriterji. L-evalwazzjoni li jmiss se ssir f'Mejju 2018. |
| **IT-TLESTIJA TAL-UNJONI BANKARJA** | |
| *"Jekk irridu li l-banek joperaw taħt l-istess regoli u taħt l-istess superviżjoni fil-kontinent tagħna kollu, għandna ninkoraġġixxu lill-Istati Membri kollha jissieħbu fl-Unjoni Bankarja."* | L-Unjoni Bankarja hija magħmula mill-pajjiżi kollha taż-żona tal-ewro u minn dawk l-Istati Membri tal-UE li jagħżlu li jipparteċipaw fiha. Il-pajjiżi kollha li fil-ġejjieni jadottaw l-ewro, awtomatikament se jsiru membri tal-Unjoni Bankarja.<br><br>Il-pajjiżi mhux fiż-żona tal-ewro jistgħu jissieħbu billi jistabbilixxu kooperazzjoni mill-qrib mal-Bank Ċentrali Ewropew, fil-kapaċità tiegħu bħala superviżur, il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku. Kooperazzjoni mill-qrib ta' din ix-xorta tiġi stabbilita permezz ta' deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew, wara n-notifika lill-pajjiż mhux fiż-żona tal-ewro kkonċernat, u dment li f'dak il-pajjiż ikunu ssodisfati kundizzjonijiet stretti fir-rigward tal-iskambju tal-informazzjoni u tan-natura vinkolanti tal-miżuri superviżorji.<br><br>Fid-Danimarka u fl-Iżvezja, id-diskussjonijiet nazzjonali dwar is-sħubija fl-Unjoni Bankarja bdew fis-sajf tal-2017. |

| Id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tat-13 ta' Settembru 2017 mill-President Juncker | Spjegazzjoni |
|---|---|

## IT-TKABBIR TAL-UNJONI EWROPEA

*"Jekk irridu aktar stabbiltà fil-viċinat tagħna, allura rridu nżommu wkoll perspettiva ta' tkabbir kredibbli għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent."*

**Inizjattivi bis-sena 2025 bħala perspettiva, kif iddefiniti mill-Ittra ta' Intenzjoni tal-President Juncker tat-13 ta' Settembru 2017**

*"Strateġija għall-adeżjoni fl-UE b'suċċess tas-Serbja u l-Montenegro kif ukoll kandidati ewlenin fil-Balkani tal-Punent (Frar 2018)."*

Skont l-**Artikolu 49 TUE**, kull pajjiż Ewropew li jirrispetta u jimpenja ruħu sabiex jippromwovi l-valuri tal-UE jista' japplika sabiex isir Stat Membru tal-UE. Meta jitlestew in-negozjati dwar il-kapitoli kollha, it-termini u l-kundizzjonijiet — inklużi l-possibbiltà ta' klawsoli ta' salvagwardja u arranġamenti transizzjonali — jiġu inkorporati fi trattat ta' adeżjoni bejn l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiż kandidat. It-trattat tal-adeżjoni jista' jiġi ffirmat biss wara l-kunsens tal-Parlament u l-approvazzjoni unanima tal-Kunsill. Imbagħad jingħadda lill-Istati Membri kollha tal-UE għar-ratifika min-naħa tagħhom, f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali tagħhom (jiġifieri ratifika mill-Parlament jew b'referendum).

Il-Montenegro u s-Serbja huma identifikati mill-Kummissjoni bħala kandidati ewlenin fuq quddiem għaliex bħalissa huma l-uniċi kandidati mill-Balkani tal-Punent li huma involuti f'negozjati tal-adeżjoni. L-UE se tkompli tinvolvi ruħha u ssaħħaħ l-involviment tagħha mal-imsieħba kollha fil-Balkani tal-Punent sabiex tagħtihom l-appoġġ tagħha fi triqithom lejn is-sħubija.

## JINŻAMM IL-KANDIDAT EWLIENI

*"Jekk tridu ssaħħu d-demokrazija Ewropea, mela allura ma tistgħux treġġgħu lura l-progress demokratiku ċkejken miksub bil-ħolqien ta' kandidati ewlenin – l-"iSpitzenkandidaten". Nixtieq li din l-esperjenza terġa' tirrepeti ruħha."*

L-**Artikolu 17(7) TUE** jiddikjara li l-Kunsill Ewropew irid iqis l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew meta jiġi biex jipproponi President ġdid tal-Kummissjoni Ewropea. Id-deċiżjoni tittieħed permezz ta' maġġoranza kwalifikata, u wara dan il-kandidat irid imbagħad jiġi elett mill-Parlament Ewropew b'maġġoranza ta' MPE.

Dan kien l-approċċ adottat wara l-elezzjoni Ewropea tal-2014, li b'segwitu tagħha l-President Juncker — bħala kandidat ewlieni għall-grupp politiku bl-akbar għadd ta' voti — ġie propost mill-Kunsill Ewropew u elett mill-Parlament Ewropew bħala President tal-Kummissjoni Ewropea.

| Id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tat-13 ta' Settembru 2017 mill-President Juncker | Spjegazzjoni |
|---|---|
| **LISTI TRANSNAZZJONALI** | |
| *"Togħġobni l-idea wkoll li jkollna listi transnazzjonali fl-elezzjonijiet Ewropej – avolja jien konxju li din hija idea li ħafna minnkom ma jaqblux magħha."* | Abbażi tal-**Artikolu 14(2) TUE**, l-għamla preċiża tal-Parlament Ewropew għandha tiġi adottata b'deċiżjoni unanima tal-Kunsill Ewropew. L-aktar deċiżjoni reċenti ta' allokazzjoni tas-siġġijiet ġiet adottata f'Ġunju 2013, fit-tħejjija għall-adeżjoni tal-Kroazja bħala t-28 Stat Membru tal-UE.<br><br>Il-listi transnazzjonali jkunu jirrikjedu ratifika mill-Istati Membri kollha. L-**Artikolu 223(1) TFUE** jistabbilixxi kif jistgħu jsiru l-listi transnazzjonali, jew kull bidla oħra fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.<br><br>Il-Kunsill, b'mod unanimu wara li jkun irċieva l-kunsens minn maġġoranza ta' MPE, jista' jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġodda dwar kif jiġu eletti l-MPE. Ikun biss wara li kull Stat Membru jkun irratifika l-bidliet f'konformità mar-rekwiżiti kostituzzjonali rispettivi tiegħu li dawn imbagħad jidħlu fis-seħħ.<br><br>Din hija l-unika idea fid-Diskors tal-President Juncker li ma tkunx tirrikjedi bidla fit-Trattati iżda ratifika mill-Istati Membri kollha. Huwa minħabba din ir-raġuni li l-President Juncker kulma għamel kien li jistqarr li l-idea kienet waħda li togħġbu. |
| **IL-KISBA TA' AKTAR EFFIĊJENZA FIT-TMUN AL-UE** | |
| *"Qiegħed nappella għall-effiċjenza. Il-Kummissarju għall-affarijiet ekonomiċi u finanzjarji – li idealment jkun ukoll il-Viċi President – għandu jassumi r-rwol ta'Ministru għall-Ekonomija u l-Finanzi. Il-Ministru għandu wkoll jippresjedi fil-Grupp tal-Ewro."* | **IL-FUŻJONI TAL-KARIGA TA' VIĊI PRESIDENT TAL-KUMMISSJONI U TAL-PRESIDENT TAL-GRUPP TAL-EURO**<br><br>**L-Artikolu 2 tal-Protokoll 14 tat-Trattat ta' Lisbona** jistipula li l-President tal-Grupp tal-Euro jiġi elett minn maġġoranza ta' Ministri li jirrappreżentaw lill-Istati Membri taż-żona tal-ewro. Ma hemmx għalfejn li din il-persuna tkun Ministru tal-Finanzi ta' Stat Membru. |
| *"Kieku kellna ngħaqqdu lill-Presidenti tal-Kunsill Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea, l-Ewropa tiġi taħdem aħjar."*<br><br>**Inizjattivi bis-sena 2025 bħala perspettiva, kif iddefiniti mill-Ittra ta' Intenzjoni tal-President Juncker tat-13 ta' Settembru 2017**<br><br>*"Komunikazzjoni dwar opzjonijiet għat-titjib tal-effiċjenza fit-tmun tal-Unjoni Ewropea.*<br><br>*Komunikazzjoni dwar il-ħolqien possibbli ta' Ministru Ewropew tal-Ekonomija u l-Finanzi permanenti (l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 14) u l-implikazzjonijiet istituzzjonali tiegħu."* | **IL-FUŻJONI TAL-KARIGA TA' PRESIDENT TAL-KUMMISSJONI U TAL-PRESIDENT TAL-KUNSILL EWROPEW**<br><br>Abbażi tal-**Artikolu 17(7) TUE**, il-Parlament Ewropew fil-preżent jeleġġi lill-President tal-Kummissjoni b'maġġoranza tal-membri tiegħu wara proposta mill-Kunsill Ewropew, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata filwaqt li jqis l-eżiti tal-elezzjonijiet Ewropej. Abbażi tal-**Artikolu 15(5) TUE**, il-President tal-Kunsill Ewropew jiġi elett b'maġġoranza kwalifikata tal-Kunsill Ewropew għal terminu ta' 30 xahar li jista' jiġġedded. L-**Artikolu 15(6) TUE** jistipula li l-President tal-Kunsill Ewropew ma jistax ikollu kariga **nazzjonali** li jfisser li din il-persuna ma jistax ikollha kariga **Ewropea** oħra. |